# Jum Dinji tal-Komunikazzjonijiet Soċjali

"Il-Midja: f'salib it-toroq bejn protagoniżmu u servizz. It-tfittxija għall-verita' sabiex tinqasam ma' l-oħrajn" *(Messaġġ tal-Papa fl-okkażjoni tat-42 Jum Dinji tal-Komunikazzjoni Soċjali 4 ta' Mejju 2008)*





- Fid-dinja globaliżżata li qed ngħixu fiha, mingħajr il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali jkun ferm diffiċli li jkun hemm ftehim bejn in-nazzjonijiet, nifs universali għad-djalogi tal-paċi jew li jiġi garantit il-ġid ewlieni ta' l-informazzjoni.
- Min-naħa l-oħra, hemm ukoll il-periklu li l-*media* jinbidlu f'sistemi bil-għan li jissottomettu l-bniedem għal diskors iddettat mill-interessi dominanti tal-mument jew inkella li biex jogħġbu lill-udjenza, jirrikorru għall-volgarita' u l-vjolenza jew inkella jxandru l-materjaliżmu ekonomiku u r-relativiżmu etiku, veri pjagi ta' żmienna.
- Meta l-komunikazzjoni titlef il-prinċipji etiċi u taħrab mill-kontroll soċjali, tispiċċa biex twarrab għall-ġenb iċ-ċentralita' u d-dinjita' invjolabbli tal-bniedem u tirriskja li tħalli effetti koroh fuq il-kuxjenza tal-bniedem.
- Fl-istess ħin, il-*media* għandhom qawwa edukattiva u għalhekk responsabbilta' li jservu ta' strumenti għas-servizz ta' dinja aktar ġusta u solidali, mibnija fuq it-tfittxija u r-rispett lejn il-verita'.
- Inkunu maturi fl-għażla tal-*media* li nħalluhom iwasslulna l-messaġġ tagħhom, jinfurmawna u anke jiffurmawna. Fuq kollox, nagħmlu użu u nippromwovu l-*media* tal-Knisja, fosthom ir-rivista djoċesana *Il-ħajja f'Għawdex.*

***Dun Edward Xuereb, Kappillan tal-Parrocca ta' l-Ghasri***

## *Jistgħu jinteressawk*

**Il-Ħamis 8 ta' Mejju:** pellegrinaġġ djoċesan għal fuq il-qabar ta' San Ġorġ Preca
**Is-Sibt 10 ta' Mejju:** Velja Djoċesana ta' Pentekoste (Santwarju Madonna ta' Pinu 8.00p.m.)
**Il-Ħadd 11 ta' Mejju:** Solennita' ta' Pentekoste, Jum l-Apostolat tal-Lajċi u Jum l-Omm.

*gozopress • 21551534*

## *It-Talba tal-ġimgħa*



*Ibgħat, O Spirtu Qaddis, komunikaturi kuraġġjużi u xhieda awtentiċi tal-verita'.*



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

Tlugħ il-Mulej fis-Sema • Sena A • Id-39 Sena (2041) • 4 ta' Mejju 2008

**Mill-Evanġelju ta' San Mattew.** (Mt. 28, 16-20)
F'dak iż-żmien, il-ħdax-il dixxiplu telqu lejn il-Galilija u marru fuq il-muntanja fejn kien ordnalhom Ġesù. Kif rawh, nxteħtu quddiemu ; imma xi wħud iddubitaw. Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela, għallmu l-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien."



*Morru, għallmu l-ġnus kollha*

**RIFLESSJONI**

- Ġesu' għalkemm kellu jirritorna għand il-Missier, imma ma' riedtx jitbiegħed minna : « Jien magħkom dejjem ».
- Ġesu' għadu magħna : jgħallem, ikun qrib il-poplu, u jkattar iktar aħwa tiegħu bil-magħmudija.
- Gesu', għadu jagħmel dan permezz ta' l-Appostli fil-Knisja tiegħu.
- Huwa talab li huma jkunu xhieda tiegħu sa truf l-art.
- Qiegħed ngħix b'ħarsti lejn is-sema ?

Biex nasal hemm qiegħed naqdi l-missjoni tiegħi sewwa bħala xhud fidil ta' Ġesu'?